**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 256/07VG**

**Hon. Anthony sive Ninu Zammit**

**Vs**

**Miriam Dalli**

**Illum 22 ta' Frar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Anthony sive Ninu Zammit fis-17 ta' Awwissu 2007 permezz ta' liema jitlob li: (i) prevja dikjarazzjoni li l-ahbar li xxandret fuq l-istazzjon One TV fuq l-ahbarijiet ta' nhar il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija minn One News, li tieghu Miriam Dalli hija l-Editur, dwar il-kumpens li thallas lilu in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, in partikolari l-kliem illi "il-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu", huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unru u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku; (ii) il-Qorti tikkundanna lil Miriam Dalli *qua* Editur ta' One News thallsu dik is-somma li tigi likwidata Minnha ai termini ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra Miriam Dalli;

Rat ir-Risposta ta' Miriam Dalli permezz ta' liema teccepixxi li: (i) il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu; (ii) ir-rapport indikat mill-attur jikkonsisti f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabbli f'socjetà demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-Ligijiet ta' l-Istampa. L-attur kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-Att dwar l-Istampa biex iwassal il-fehmiet tieghu minghajr ma jxekkel, kif qed jipprova jaghmel, il-libertà ta' l-espressjoni u d-dritt ta' l-informazzjoni protett bil-Konvenzjoni Ewropeja; u (iii) in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'*fair comment* maghmul in buona

fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjetà demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Jannar 2008[1] , tas-7 ta' Frar 2008[2], ta' l-10 ta' April 2008[3], tad-9 ta' Ottubru 2008[4], tal-21 ta' Ottubru 2008[5] u tat-13 ta' Jannar 2009[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AZ" sa' Dok. "AZ4" a fol. 14 sa' 18 tal-process, Dok. "AZ1" sa' Dok."AZ6" a fol. 24 sa' 30 tal-process, Dok. "AZ" u Dok. "AZ1" a fol. 35 sa' 38 tal-process, Dok. "NZ1" u Dok. "NZ2" a fol. 47 sa' 54 tal-process u Dok. "AZ" a fol. 61 sa' 66 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Dr. Simon Manicolo moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2008[7] u rat id-dokument, ossia CD, esebit minnu markat Dok. "SM" a fol. 44 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Owen Galea moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2009[8] u x-xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010[9] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "MD1" sa' Dok. "MD5" a fol. 85 sa' 92 tal-process;

Rat id-dikjarazzjoni li l-proceduri odjerni mixjin flimkien mar-Rikors fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Jason Micallef" Rik. Nru. 266/07[10], mar-Rikors fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07[11] u mar-Rikors fl-ismijiet "Dr. Alfred Sant v. Perit Anthony Zammit" Rik. Nru. 85/08[12];

Rat l-atti tal-kawzi fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Jason Micallef" Rik. Nru. 266/07[13], mar-Rikors fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07[14] u mar-Rikors fl-ismijiet "Dr. Alfred Sant v. Perit Anthony Zammit" Rik. Nru. 85/08;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuta a fol. 117 sa' 127 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 11 sa' 13 tal-process.
[2] Fol. 20 sa' 23 tal-process.
[3] Fol. 33 u 34 tal-process.
[4] Fol. 45 u 46 tal-process.
[5] Fol. 59 u 60 tal-process.
[6] Fol. 68 sa' 70 tal-process.
[7] Fol. 42 u 43 tal-process.
[8] Fol. 72 sa' 73 tal-process.
[9] Fol. 93 sa' 95 tal-process.
[10] Fol. 107 tal-process.
[11] Fol. 110 tal-process.
[12] Fol. 113 tal-process.
[13] Liema kawza giet deciza llum stess.
[14] Liema kawza giet deciza llum stess.

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-Qorti, prevja dikjarazzjoni li l-ahbar li ixxandret fuq l-istazzjon One TV fuq l-ahbarijiet ta' nhar il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija minn One News, li tieghu l-konvenuta dak iz-zmien kienet l-Editur, dwar il-kumpens li thallas lilu in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, in partikolari il-kliem illi "il-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu", huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unru u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, tikkundanna lill-konvenuta thallsu dik is-somma li tigi Minnha likwidata ai termini ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuta tilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu; (ii) ir-rapport indikat mill-attur jikkonsisti f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabbli f'socjetà demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-Ligijiet ta' l-Istampa. L-attur kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-Att dwar l-Istampa biex iwassal il-fehmiet tieghu minghajr ma jxekkel, kif qed jipprova jaghmel, il-libertà ta' l-espressjoni u d-dritt ta' l-informazzjoni protett bil-Konvenzjoni Ewropeja; u (iii) in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'*fair comment* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjetà demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-ahbar li dwarha qed jilmenta l-attur hija dik li xxandret waqt l-edizzjoni ta' One News il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija, fejn inghad illi: *il-Ministru Ninu Zammit inghata s-somma ta' sebghin elf Lira Maltin mill-fondi pubblici talli ta zewg strippi art minn quddiem il-villa tieghu sabiex tigi zviluppata triq. Zvela dan il-kaz il-gurnal Kulhadd. Kaz li anke rrefera ghalih il-mexxej laburisa matul laqgha ta' diskussjoni fil-Mosta. Jiddeskrivi dan it-trasferiment ta' flus bhala rigal, u jitlob ghal spjegazzjoni cara minn naha tal-Ministru Zammit. ... Rigal ta' sebghin elf lira ghall-Ministru Ninu Zammit. L-ewwel indikazzjonijiet dwar dan il-kaz hargu fil-berah fi Frar li ghadda meta fil-gazzetta tal-Gvern gie irrapportat li l-President ta' Malta Edward Fenech Adami approva l-ghoti ta' sebghin elf Lira mill-fond pubblici lill-Ministru Zammit. Jirrizulta li l-applikazzjoni tal-Ministru kienet ilha s-snin fuq l-ixkaffa, madanakollu d-decizjoni tal-President taht l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici wasslet sabiex fl-ahhar mill-ahhar il-Ministru jiehu l-imsemmija eluf ta' liri. L-art tghodd anqas minn mija u disghin metru kwadru. L-Arkitett u Inginier tal-Gvern Joseph Mizzi ghazel li ghandu jistma l-art li hi maqsuma f'zewg strippi differenti f'eluf ta' liri. L-ewwel bicca art stmaha li tiswa erbgha u ghoxrin elf lira u t-tieni li tiswa ftit iktar minn ghoxrin elf lira. Ghalkemm it-total taz-zewg bicciet ta' art jammontaw ghal erbgha u ghoxrin elf lira, il-Ministru ha ferm aktar minn hekk. Dan hekk kif mas-somma zdiedu hamsa u ghoxrin elf lira ohra li gew deskritti bhala hlas ghal spejjez ulterjuri w interessi. Il-konferma*

*ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu meta stieden lil gurnalisti tal-gurnal Kulhadd sabiex jaraw il-karti flimkien. Mistoqsijiet li saru lill-Ministeru ta' l-Intern dwar kemm kien hemm kazi simili ghal dan fl-ahhar snin baqghu bla twegiba. F'laqgha ta' diskussjoni fil-Mosta, il-mejjex laburista kkundanna dawn il-manuvri u talab spjegazzjoni mill-Ministru Zammit.* Waqt din l-ahbar ixxandret ukoll silta mid-diskors ta' Dr. Alfred Sant waqt attività gewwa l-Mosta dakinhar stess tat-12 ta' Awwissu 2007: *Ara Ninu Zammit ghax hadulu bicca strippa zghira ta' art biex jaghmlu l-linja tat-triq, alla jbierek Lm70,000, jien nghidlu rigal u mhux kumpens dan, allura ghandu jispjega l-Ministru Zammit, mhux qisu xejn mhu xejn, mhux qisu ma gara xejn* – Dok. "MD1" a fol. 86 u87 tal-process.

Fir-rigward ta' din l-ahbar l-attur iddikjara li *l-ahbar kienet tikkoncerna bicca art li kienet proprjetà tieghi illi giet esproprjata mill-Gvern u li taghha jiena gejt ikkumpensat. F'din l-ahbar jiena gejt ingurjat meta ntqal illi l-kumpens gie moghti lili bhala rigal u di più jiena kkonfermajt li dana huwa rigal meta stidint lill-membri ta' l-istampa saibex mieghi jaraw id-dokumenti. Jiena qatt ma ghidt illi dak illi hadt jiena kien rigal, anzi dak kien kumpens bhalma jiehu kwalunkwe cittadin Maltin illi teholdu xi proprjetà ghal skopijiet pubblici. … L-istorja wara din l-ahbar kien illi fl-1983 jiena xtrajt bicca art iz-Zurrieq, St. Andrew's Street u bhalma kien isir dakinhar jiena applikjat il-BDA sabiex nizviluppaha. L-applikazzjoni kienet 4489/83 u l-permess hareg ghal Mejju 1987. Originarjament jiena kelli faccata fuq St. Andrew's Street ta' 187 feet. Dak iz-zmien il-ligi kienet tghid illi inti ghandek tizviluppa mhux inqas minn erbatax-il pied. Meta bdejna x-xoghol jiena gejt infurmat illi t-triq kienet ser tirtira 'l gewwa ghal gol-proprjetà tieghi. Dana ma kienx japplika ghalija biss imma wkoll ghall-bini ta' ma' gembi illi wkoll kellu jirtira 'l gewwa, ghalhekk jiena kelli nirtira iktar 'l gewwa u kien hemm zewg porzjonijiet fil-gemb tal-proprjetà tieghi illi kellhom jigu esproprjati. Ma' gemb però fil-proprjetà tieghi kien hemm razzett illi kellu faccata ta' sebgha u erbghin pied. Dan ukoll kellu jitwaqqa' u jersaq aktar 'l gewwa. … Sadanittant jiena bnejt u anke ghamilt il-hajt a spejjez tieghi. Sadanittant jiena sirt naf illi l-proprjetarju ta' ma' gembi thallas però jiena ma thallastx u ghaddew aktar minn ghaxar snin. F'dak il-kaz allura jiena stajt napplika sabiex nithallas tal-parti esproprjata u hekk ghamilt. Dana kien fit-2005. Kelli d-dritt naghmel hekk ghax sa' dak iz-zmien lanqas kont ghadni kif ircevejt in-Notice to Treat. Il-procedura imbaghad bdiet b'mod normali skond il-ligi li telenka l-kriterji li ghandhom jintuzaw ghall-fini tal-kumpens. Is-sena l-ohra, fit-2007, inhadem il-kumpens. L-area kollha kien fiha 187 square metres li tinkludi l-area tar-razzett, area ekwivalenti ta' plot ta' tlett qasab faccata u ninety seven feet fond. Meta kien kollox lest imbaghad sar il-kuntratt u jiena thallast il-kumpens u imbaghad fit-12 ta' Awwissu 2007 harget l-istorja fuq is-Super One fejn qalu li jiena gejt moghti rigal. Haga li jien nichad kompletament. Jiena hadt biss dak li huwa dritt tieghi bhalma ghandu kull cittadin Malti u ghalhekk jiena hassni ingurjat b'dan il-kliem u ghamilt dan il-libell. Minbarra s-Super One l-ahbar ixxandret ukoll fuq il-gazetta "Kulhadd" u ukoll qalet l-istess storja. Nixtieq nispjega illi s-sebghin*

*elf lira ma kienux kollha valur ta' l-art. Il-valur ta' l-art proprja gie stmat erbgha u erbghin elf. Tlieta u ghoxrin elf interessi skond il-ligi tal-5% minn meta ha l-pussess mill-1989 u b'kollox gie sixty seven thousand, li huwa l-ammont li hadt. Mill-bqija jiena bnejt skond il-permessi li kelli*[15]. In sostenn ta' dak minnu affermat l-attur esebixxa wkoll serie ta' dokumenti li huma mmarkati Dok. "AZ1" sa' Dok. "AZ6" a fol. 24 sa' 30 tal-process u Dok. "NZ2" a fol. 49 sa' 54 tal-process.

Da parte taghha l-konvenuta tikkontendi li *fit-12 ta' Awwissu 2007 jiena kont editor ta' One News. Ir-rappurtagg in kwistjoni jirreferi ghal diskussjoni li kien zamm Alfred Sant il-Mosta fejn semma l-kaz fejn l-attur kellu art quddiem il-villa tieghu u taghha inghata kumpens ta' Lm70,000. Waqt din id-diskussjoni huwa ddeskriva t-trasferiment tal-flus bhala rigal u talab spjegazzjoni minghand l-attur. Fir-rappurtagg li ghamilna ahna rrappurtajna ezattament id-diskors li ntqal minn Alfred Sant fid-diskussjoni. Qed nesebixxi bhala Dok. MD1*[16] *kwotazzjoni mid-diskors ta' Dr. Alfred Sant li fuqha ahna imbaghad ibbazajna s-servizz taghna. Jiena rrid nghid li ntweriet clip ta' Dr. Alfred Sant ighid dawn il-kliem. L-istess kwotazzjoni fil-fatt già tirrizulta mill-process u hija kif tidher in italics fuq it-transcript a fol. 17 tal-process. … Minn dan id-dokument li qed nipprezenta issa tirrizulta konferma li fil-fatt kienet dehret clip ta' Dr. Alfred Sant ighid dan il-kliem ghax fil-fatt hemm indikat SOT li tfisser sound on tape Dr. Alfred Sant mexxej Laburista. Il-parti li fil-fatt l-attur ilmenta dwarha huwa fil-fatt nerga' nghid huwa ahna qed ingibu clip ta' Dr. Alfred Sant ighid dawk il-kliem. Fit-13 ta' Awwissu l-Ministeru tal-Gustizzja u Intern kien hareg stqarrija li qed nesebiha bhala dokument MD2*[17] *fejn essenzjalment qed jghid illi, "bi procedura li bdiet fl-1993 u li saret parti mill-Ligi fl-2002 l-ebda proprjetà ma tista' tigi esproprjata jekk il-kumpens dovut ma jigix imhallas lis-sid. Din il-procedura ddahlet sabiex l-ebda esproprjazzjoni f'dawn l-ahhar erbatax-il sena ma ssir jekk id-dipartiment li jitlobha ma jiddepozitax il-flus dovuti lis-sidien". L-ghada l-attur ukoll hareg stqarrija fejn fost affarijiet ohra qal li l-art in kwistjoni kien awwkistaha fl-1983 jigifieri ghaxar snin qabel ma nbdiet il-procedura imsemmija mill-Ministeru tal-Gustizzja, ix-xoghol fuq din l-art beda fl-1987 u kien dak iz-zmien li gie nfurmat bl-esproprjazzjoni jigifieri sitt snin qabel il-procedura imsemmija. Fl-1989 qal li l-art ghaddiet ghand il-Gvern jigifieri erba' snin qabel il-kumpens fit-22 ta' Lulju 2005, jigifieri tmintax-il sena wara li sar jaf li dik il-bicca art kienet ser tigi esproprjata. Fit-22 ta' Frar 2007, jigifieri anqas minn sentejn wara l-applikazzjoni tieghu, il-President ta' Malta ta' dak iz-zmien kien ghamel id-dikjarazzjoni biex imbaghad l-attur seta' jiehu il-kumpens ta' Lm70,000. Il-valutazzjoni tal-bictejn art li hadu lill-attur hija maqsuma b'dan il-mod: ghal bicca minnhom Lm23,808, ghal bicca ohra Lm20,272 u ha Lm25,000*

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2008, fol. 11 sa' 13 tal-process.
[16] Fol. 85 sa' 87 tal-process.
[17] Fol. 88 tal-process.

*f'imghaxijiet. Qed nesebixxi bhala document MD3*[18] *l-istqarrija ta' l-attur li ghadni kif semmejt u minnha jirrizultaw id-dati kollha li ghadni kif xehedt dwarhom. L-attur kien stieden lill-gurnalisti biex imorru id-Dipartiment ta' l-Artijiet jaraw il-file tieghu, ahna fil-fatt hekk ghamilna izda l-file ma urewhulniex. Bdew jirreferuna ghal certu Joe Azzopardi fil-Ministeru ta' Tonio Borg, ahna tlabnieh jintervjeni sabiex naraw dan il-file izda bqajna bla risposta. Kien hemm ukoll gurnalist Owen Galea li dak iz-zmien kien jahdem mal-gurnal Kulhadd u kien kellem direttament lill-Ministru Tonio Borg, dana kien qallu li ma kien hemm l-ebda preferenza ma' l-attur, qallu wkoll li l-problemi li kien hemm kienu ma' dawk li kellhom l-esproprjazzjonijiet aktar antiki. Fil-fatt qallu li dawk in-nies li ttehditilhom l-art fl-ahhar sebgha jew tmien snin kollha gew stmati bl-istess mod, izda kif ghedt mid-dati li ghadni kemm semmejt qabel, irrizulta illi l-art ta' l-attur kienet giet esproprjata ghoxrin sena qabel. Qed nesebixxi wkoll bhala Dok. MD4*[19] *li hija transcript tat-telefonata mal-Ministru Tonio Borg u din it-transcript kien ippreparaha Owen Galea. Jiena rrid nghid li s-servizz kien telaq minn raputragg minn diskussjoni ta' Dr. Alfred Sant izda imbaghad komplejna ninvestigaw u naghmlu aktar servizzi billi f'dak iz-zmien kien hemm mijiet ta' Maltin u Ghawdxin li kienet ittehditilhom art minghand il-Gvern izda kienu baqghu bla kumpens. Dawn in-nies kienet ittehditilhom l-art qabel l-1993 bhall-Ministru Zammit. Kien hemm anki nies li joqghodu fl-istess triq ta' l-attur li ttehdiltilhom l-art izda baqghu bla kumpens. Kienet ukoll saret Parliamentary Question fid-29 ta' Jannar 2007 fejn hemm imnizzel li l-Gvern kellu jaghti aktar minn tlieta u ghoxrin miljun Liri Maltin f'kumpens ghall-esproprjazzjonijiet li sehhew mill-2002 'l hawn. Din il-Parliamentary Question qed tigi esebita bhala Dok. MD5*[20]. In kontro-ezami l-konvenuta xehdet illi *fuq domanda jekk dak li hemm imnizzel fuq fol. 17 jigifieri 'konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu meta stieden il-gurnalisti tal-gurnal Kulhadd sabiex jaraw il-karti flimkien, jekk konniex qed nirrappurtaw dak li qal Alfred Sant jew inkella kienx kumment mizjud nerga' nisma' d-diskors ta' Alfred Sant u nara jekk dan konniex qed nirrappurtaw dak li qal hu jew jekk zidniex il-kumment ahna. Irrid niccara li jiena ser niccekja jekk dan il-kliem intqalx minn Dr. Alfred Sant fid-diskors tieghu. Qed nigi mistoqsija jekk in bazi ghad-dokumenti li esebejt u mix-xhieda li tajt inix qed ninsinwa li l-attur ghamel xi haga illegali nghid li jiena ma jiena qed ninsinwa assolutament xejn. Id-dokumenti esebejthom semplicement bhala background ghas-servizz li kien sar. Qed nigi mistoqsija jekk jiena hux qed nallega li l-attur ha imqar lira li mhijiex dovuta lilu skond il-Ligi, nghid li mhu qed nallega xejn. Nerga' nghid li d-dokumenti gew esebiti bhala bazi ghall-istorja li hejjejna*[21].

[18] Fol. 89 u 90 tal-process.
[19] Fol. 91 tal-process.
[20] Fol. 92 tal-process.
[21] Xhieda in ezami u kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010, fol. 93 sa' 95 tal-process.

Mix-xhieda tal-konvenuta jirrizulta immedjatament evidenti li hija tikkontendi, fost affarijiet ohra, li l-ahbar li xxandret waqt One News tal-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija, dwar il-kumpens li thallas lill-attur in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, ma kienet xejn ghajr rappurtagg tad-diskors li Dr. Alfred Sant, dak iz-zmien Kap ta' l-Opposizzjoni u mexxej tal-Partit Laburista, waqt diskors li kien zamm iktar kmieni dakinhar stess gewwa l-Mosta. In bazi ghal din l-affermazzjoni hija tinvoka favur taghha l-privilegg kwalifikat stipulat fl-Artikolu 12A tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha l-konvenuta tissottometti li *minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet l-ohra r-rapport tal-One News huwa wkoll privileggjat taht l-Artikolu 12A ta' l-Att dwar l-Istampa. ... One News kien qed jirrapporta d-diskors tal-Kap ta' l-Opposizzjoni dwar Ministru tal-Gvern.*

L-imsemmi artikolu tal-Ligi – ossia l-Artikolu 12A tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta – jipprovdi li: *fi proceduri mehuda in forza ta' dan l-Att tkun difiza ghall-editur jew ghar-responsabbli ghall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni ta' l-istess dikors kienet ragonevolment gustifikabbli f'socjetà demokratika.* Dwar l-import u konsegwenti applikabilità ta' l-imsemmi provvediment tal-Ligi, il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella pro et noe v. Dione Borg et, Citaz. Nru. 1935/99** deciza fit-28 ta' Jannar 2005: *id-difiza tal-'qualified privilege' gives immunity from libel actions when newspapers can prove a 'duty to publish' articles which the public has a 'right to know'. Fil-Qrati Inglizi d-difiza hija maghrufa bhala r-Reynolds defence u li tikkonsisti li in certain circumstances journalists can report allegations of a serious nature without having to prove that they are true. It offers newspapers, within closely circumscribed limits, immunity from libel actions provided they acted responsibly and in good faith and publication was in the public interest. Ghalhekk, apparti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-ligi, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti trid tezamina jekk il-pubblikazzjoni kinitx fl-interess pubbliku u jekk kienx hemm hazen. L-esposizzjoni klassika ta' x'inhu 'malice' f'dan il-kuntest hija dika ta' Lord Diplock f'Horrocks v. Lowe (1975) fejn qal li "if the defendant used the occasion for some reason other than the reason for which the occasion was privileged he loses the privilege. Thus, the motive with which the statement was made is crucial. If desire to injure was the dominant motive the privilege is lost". L-ewwelnett skond l-artikolu 12A tal-Kap.248, hu intitolat ghal dina d-difiza l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni. ... In oltre skond l-istess artikolu 12A biex ikun hemm dina d-difiza ta' privilegg kwalifikat il-konvenut irid jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku. Dwar x'inhu rapport preciz ta' diskors pubbliku, fis-sentenza tal-*

*Cassazione tad-19 ta' Dicembru 2001, Numru 15999, gie deciz li f'kazijiet simili, 'la publicazione del contenuto diffamatorio trid tkun priva di rilievo ... u riprodotta in forma impersonale ed oggettiva, quale (da) semplice testimone, senza dimostrare, cioè, con commento o altro, di aderire comunque al suo contenuto diffamatorio ed abbandonare, così, la necessaria posizione di narratore ascettico ed imparziale del fatto".*

Meta l-ahbar kontestata mill-attur kif imxandra waqt One News tal-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija tigi kkunsidrata fit-totalità taghha jirrizulta evidenti li ghalkemm fih ixxandret silta mid-diskors li ta Dr. Alfred Sant, dak iz-zmien Kap ta' l-Opposizzjoni u Mexxej tal-Partit Laburista, iktar kmieni dakinhar stess gewwa l-Mosta, matul liema diskors saru certa allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-attur, ir-rappurtagg ma kienx biss rappurtagg ta' x'qal ezattament Dr. Alfred Sant fir-rigward ta' l-attur izda kien rappurtagg iktar soggettiv fejn mhux biss dak allegat minn Dr. Alfred Sant fil-konfront ta' l-attur kien qed jigi assekondat bhala veritier izda addirittura zdied jinghad li *l-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu meta stieden lill-gurnalisti tal-gurnal Kulhadd sabiex jaraw il-karti flimkien. Mistoqsijiet li saru lill-Ministeru ta' l-Intern dwar kemm kien hemm kazi simili ghal dan fl-ahhar snin baqghu bla twegiba*. In verità kien biss lejn l-ahhar tar-rappurtagg li inghad illi *f'laqgha ta' diskussjoni fil-Mosta, il-mexxej Laburista kkundanna dawn il-manuvri u talab spjegazzjoni mill-Ministru Zammit*. B'hekk huwa evidenti li s-servizz li xxandar waqt One News tal-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija huwa ghal kollox nieqes mill-kwalifika li *la publicazione del contenuto diffamatorio trid tkun priva di rilievo ... u riprodotta in forma impersonale ed oggettiva, quale (da) semplice testimone, senza dimostrare, cioè, con commento o altro, di aderire comunque al suo contenuto diffamatorio ed abbandonare, così, la necessaria posizione di narratore ascettico ed imparziale del fatto*, u ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti d-difiza tal-privilegg kwalifikat fil-kaz in ezami ma tapplikax.

Il-konvenuta tikkontendi wkoll li r-rapport mertu ta' dawn il-proceduri jikkonsisti f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabbli f'socjetà demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-Ligijiet ta' l-Istampa. Fir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni **Petrenko v. Moldova** pronuncjata fit-30 ta' Marzu 2010: *the Court reiterates that freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and that the safeguards afforded to the press are of particular importance. Although it must not overstep certain boundaries, in particular in respect of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting information and ideas, the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of 'public watchdog'. Accordingly, journalistic freedom covers possible recourse*

*to a degree of exaggeration, or even provocation. In this respect, it is clear from the Court's case-law that the right of freedom of expression is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no 'democratic society'.*

Issir referenza wkoll ghad-decizjoni **Ligens v. Austria** pronuncjata mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Lulju 1986, fejn gie osservat illi *freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention. The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para 2 … enables the reputation of others – that is to say, of all individuals – to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Detto ciò però jibqa' imperattiv il-principju li *filwaqt li hu rikonoxxut li figura pubblika tista' tkun soggett ta' kritika, anke harxa, daqstant iehor hu rikonoxxut, taht il-profil sostanzjali, illi ma ghandux ikun hemm eccess tal-limiti ta' dak strettament necessarju ghas-sodisfaciment ta' l-interess pubbliku. In effetti, ma jidhirx li qatt kienu tollerati attakki, jew gudizzji ta' disvalur, fuq l-unur u r-reputazzjoni anke ta' persuni pubblici, specjalment meta l-fatt rakkontat ikun bla bazi, impertinenti u 'l boghod mill-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni. … L-inosservanza tal-limiti tutelabbli ta' l-unur, kombacjat man-nuqqas ta' prova ta' l-imputazzjonijiet addebitati jirrendu certament inapplikabbli kwalsiasi tentattiv ta' skriminanti u, anzi, tobbliga lill-awtur tal-fatt jew lil min hu responsabbli ghar-rizarciment tad-danni*[22].

Mill-principji guridici hawn appena esposti jirrizulta ghalhekk li filwaqt li l-libertà ta' l-espressjoni hija wahda mis-sisien essenzjali ta' socjetà demokratika, u filwaqt ukoll li l-libertà ta' l-istampa hija mehtiega u necessarja biex l-interess pubbliku jigi mhux biss debitament infurmat izda anke tutelat fir-rigward ta' l-azzjonijiet u/jew nuqqasijiet ta' persuni pubblici u/jew fil-politika, tali libertà ta' l-espressjoni u l-libertà ta' l-istampa huma dejjem u fuq kollox cirkoskritti bl-obbligu li dak rappurtat ikun fondat, korrett u gust, ossia

[22] Onor. Prim' Ministru Alfred Sant v. Godron Pisani, Citaz. Nru. 1981/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Ottubru 2004.

li jkun ibbazat fuq fatti li huma sostanzjalment veri u mhux fuq invenzjonijiet jew illazzjonijiet assolutament bla bazi. Jekk ikun hemm tali nuqqasijiet ir-rapurtagg ghad illi gurnalistiku ma jkunx jista' jevita s-sanzjonijiet li jgibu maghhom l-malafama u l-ingurja.

Il-kaz in ezami huwa marbut u relatat ma' proceduri ohra istitwiti mill-attur b'rabta ma' l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu dwar l-esproprazzjonijiet ta' zewg bicciet art di proprjetà tieghu fi Triq Sant' Andrija, iz-Zurrieq, ossia l-proceduri fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07VG, "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Jason Micallef" Rik. Nru. 266/07VG. Mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri u fil-proceduri l-ohra hawn imsemmija, jirrizulta li in verità l-attur ircieva kumpens, u mhux rugal, ghall-esproprazzjoni ta' proprjetà tieghu, kumpens li kien intitolat ghalih ai termini tal-Ligi u b'hekk ma nghata ebda preferenza jew vantagg improprju a paragun u/jew a skapitu ta' haddiehor.

Mix-xhieda ta' Martin Saliba[23], rapprezentant tal-MEPA, u b'mod partikolari mid-dokumenti esebiti minnu jirrizulta li l-permess ghall-izvilupp fuq l-art li l-attur ghandu z-Zurrieq inhareg f'Mejju 1987 u f'dak il-perijodu t-triq, ossia Triq Sant' Andrija, kienet già iffurmata. Gara però li in segwitu, u cioè wara li nhareg il-permess ghall-izvilupp a favur l-attur, ittiehdet id-decizjoni mill-awtoritajiet kompetenti li Triq Sant' Andrija iz-Zurrieq kellha titwessa bil-konsegwenza ghalhekk li gew esproprjati diversi bicciet ta' art, fosthom zewg bicciet art proprjetà ta' l-attur, sitwati f'dik it-triq. Mix-xhieda ta' Margaret Falzon[24] in rapprezentanza tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, irrizulta li fl-1989 kienet saret esproprjazzjoni ta' hames bicciet art fi Triq Sant' Andrija, fosthom zewg bicciet art di proprjetà ta' l-attur. Irrizulta wkoll li sa' l-2005 is-sidien ta' l-artijiet esproprjati – hlief ghall-attur – kienu rcievew in-*Notice to Treat* u f'uhud mill-kazijiet anke waslu fi ftehim dwar il-kumpens ghall-esproprjazzjoni ta' l-artijiet taghhom u thallsu tali kumpens. Fir-rigward ta' l-attur kien biss fl-2006 li saret talba da parte ta' l-ADT sabiex tigi formalizzata l-esproprjazzjoni ta' zewg bicciet ta' art li kienu ttiehdu lilu fl-1989 u b'hekk jigi ikkumpensat ghal tali esproprjazzjoni. Fir-rigward Margaret Falzon fil-fatt xehdet illi: *Mela se nghid l-istorja x'gara ezatt. Mela fil-21 ta' Frar tas-sena 2006, id-dipartiment ircieva talba min-naha ta', dak iz-zmien kienet l-ADT, illum Transport Malta, biex nesproprjaw bicca art Hal Safi. L-ittra kienet iffirmata kif kien rikjest mill-Ministru ta' dak iz-zmien u l-permanent secretary ircieva executive tal-ADT. Fl-ittra kien hemm ukoll li l-art kienet ittiehdet fl-1989 ghalkemm l-ittra kienet fl-2006 u kien hemm xi strutturi fuq l-art. Kien hemm talba fost affarijiet ohra min-naha tal-ADT fost affarijiet ohra kien hemm miktub li l-art kienet ittiehdet fl-1989 mhux jigifieri kienet dak iz-zmien. Imbaghad bdiet il-procedura normali li jiehu d-dipartiment*

[23] Xhieda moghtija fit-8 ta' Novembru 2012, fol. 244 sa' 249 tal-process bir-Rikors Nru. 251/07VG. Dokumenti markati Dok. "MS1" sa' Dok. "MS7" a fol. 78 sa' 243 tal-process

[24] Xhieda moghtija fit-8 ta' Lulju 2013, fol. 254 sa' 263 tal-process bir-Rikors Nru. 251/07VG. Dokument markat Dok. "MF1" a fol. 253 tal-process.

*biex jesproprja. Jigifieri saret stima minn perit imqabbad mid-dipartiment. Kien il-Perit Mizzi, u saret l-istima. … It-talba saret fi Frar tas-sena 2006 u l-istima saret jigifieri tahielna l-perit fid-19 ta' Gunju tas-sena 2006. Wara, kif inhi l-procedura wkoll tad-dipartiment, intalbu l-flus min-naha tal-ADT biex ikun jista' jesproprja d-dipartiment…. Mit-2003 wara li kien hemm l-emendi fil-ligi fic-chapter 88 bdew jigu mid-dipartiment jew l-entità li titlob l-esproprju jigifieri din id-darba kienu ntalbu min-naha taghhom il-flus. … Kien hemm xi ftit fuq problemi interni, kien hemm min qed jghidu li ghandhom xi credit. … Irrid niccekkja l-file imma naf li kienu tawhomlna ghal xi haga ohra l-flus parti minnhom. Kienu tawhomlna fuq xi toroq ohra, m'ghandix nota ghal xiex ezatt imma intom ghandkom certu ammont ta' flus ghandkom, ha naghtukom id-differenza. … Imbaghad harget id-dikjarazzjoni tal-president f'ernest proprju jigifieri fit-22 ta' Frar tas-sena 2007, f'April tas-sena ta' wara nghatajna parir legali min huma s-sidien u ftit wara harget ittra ufficjali li huma gew rikonoxxuti bhala s-sidien tal-art u wara sar il-hlas.*

In risposta ghall-mistoqsija *issa tlabtek ukoll informazzjoni jien fl-istess triq, x'kumpensi ohra nghataw u meta saret it-talba ghall-hlas?* Margaret Falzon iddikjarat illi: *Mela jien li sibt, cioè sabuli jigifieri, hawnhekk sibt 5 plots li jidhru vicin. Hawnhekk jidhru proprjetajiet tal-Perit Zammit u l-proprjetajiet l-ohra jigifieri qrib hafna u gibt daqsxejn ta' informazzjoni fuqhom. Issa jien immarkajthom 1, 2, 3, 4 u 5 biex inkun nista' nirreferi ghalihom* – hawn ix-xhud taghmel referenza ghad-dokument Dok. "MF1" a fol. 253 tal-process bir-Rikors Nru. 251/07VG fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant". *Kollha fl-istess triq fil-fatt qeghdin ta'. Mela fuq il-1 u t-2 li huma hdejn xulxin kienet saret talba mill-works division f'Ottubru tas-sena 1994, il-gazzetta harget f'Lulju tas-sena 1995. Issa l-plot li tidher bhala 1 hawnhekk kienet stmata f'Mejju tas-sena 1996 – 8,385 euros (3,600 liri Maltin) – u ghandha area ta' 214 square metres. Kien hareg avviz ta' ftehim lis-sidien f'Settembru tas-sena 1998 u ma giex accettat, mar quddiem il-Land Arbitration Board u nghata 69,881 euros. Issa t-2 kienet stmata fis-sena 1999 – 29,117 euros – li tigi art adjacent ezatt ma' tal-Perit Zammit. … L-area kienet 320 square metres. Dawn l-istess ikkontestaw il-prezz quddiem l-LAB u inghataw 159,562 euros. … It-3 li hija hawn fuq jigifieri taqbez il-kantuniera (it-triq l-ohra), harget il-gazzetta f'Dicembru tas-sena 1973, hareg l-avviz ta' ftehim fi Frar tas-sena 1989 fuq 4,926 euros u thallsu dawn fuq dak l-ammont. Issa hemm il-4 u l-5. Il-gazzetta harget f'Awwissu tal-1996, qeghdin maqsumin fi tnejn, wahda minnhom giet stmata 19,334 euros, ghandha area ta' 380 metri kwadri u l-ohra area ta' 504 metri kwadri giet stmata 27,487 euros. Fil-fatt minhabba l-ewwel wahda li semmejt ta' 19,334 euros digà giet stmata ghax ghadda z-zmien u fis-sena 2001 giet stmata 39,995 euros. Hareg l-avviz ta' ftehim fuq dan l-ammont u bhalissa ghadu qed jigi kontestat, ghadha ma ttehditx decizjoni. Issa l-plot l-ohra giet stmata 27,486 euros, l-avviz ta' ftehim hareg fis-sena 1998 u ghad hemm proceduri quddiem il-bord (kontestata wkoll).* In risposta ghall-mistoqsijijiet *u kollha bdew il-process* (ghall-esproprazzjoni formali w

eventwali kumpens) *fis-snin disghin jekk qed nifhem sewwa hux hekk?* u *u kollha damu?* Margaret Falzon wiegbet *Iva, ezatt. ... Kollha damu mhux hazin. Mid-dati li tajt jigifieri.*

Ghalkemm jidher li l-attur seta' ma damx wisq biex effettivament thallas minn meta saret it-talba ghall-kumpens, wiehed ma jridx jinsa u jinjora l-fatt li z-zewg bicciet art in kwistjoni kienu ttiehdu fl-1989, jigifieri madwar sittax/sebatax il-sena qabel. Ghad illi jista' hemm proprjetarji ta' artijiet li ttehditilhom proprjetà ghal skopijiet pubblici li ghadhom qed jistennew li jithallsu kumpens xieraq, ma jfissirx li l-attur irranga ma' l-awtoritajiet koncernati u ha trattament preferenzjali a paragun u a skapitu ta' haddiehor. Mill-provi li tressqu da parte tal-konvenuta ma jirrizultax li d-Dipartiment ta' l-Artijiet u/jew l-ADT, bhala l-enti li hadet pussess ta' l-artijiet in kwistjoni, taw xi preferenza lill-attur. Di fatti mill-atti jirrizulta li l-attur ghandu proceduri pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet[25] peress illi d-Dipartiment ma accettax il-pretensjoni tieghu li l-kumpens dovut lilu kellu jkun iktar minn dak stmat mill-Perit tad-Dipartiment, fatt dan li juri li certament l-attur ma inghatax preferenzi a paragun u a skapitu ta' haddiehor. Apparte minn hekk jirrizulta li fiz-zmien meta saret it-talba da parte ta' l-ADT vis-à-vis iz-zewg bicciet art li ttiehdu lill-attur, il-procedura adoperata ghall-hlas tal-kumpens kienet fis-sens illi l-enti li tkun hadet pussess ta' l-art kellha tipprovdi hi l-flus lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, procedura din differenti w iktar efficjenti milli kienet tintuza fiz-zminijiet ta' qabel, iz-zminijiet li fihom kienu saru t-talbiet ghall-esproprju vis-à-vis il-girien ta' l-attur li lilhom ukoll kienet ittehditilhom xi proprjetà ghall-fini tat-twessigh ta' Triq Sant' Andrija, iz-Zurrieq. B'daqshekk però, jigi ribadit, ma rrizultaw l-ebda preferenza jew vantagg improprju a favur ta' jew da parte ta' l-attur kif invece kjarament pretiz fl-ahbar imxandra waqt l-edizzjoni ta' One News tal-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija.

Waqt is-servizz imxandar waqt l-edizzjoni ta' One News tal-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija gie affermat ukoll li *l-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu meta stieden lill-gurnalisti tal-gurnal Kulhadd sabiex jaraw il-karti flimkien*[26]. Mill-provi prodotti mill-konvenuta però minn imkien ma jirrizulta li l-attur kien stieden lill-gurnalisti tal-gurnal Kulhadd sabiex jaraw il-karti flimkien u b'hekk ammetta li huwa kien ircieva xi forma ta' rigal ghaz-zewg bicciet art gewwa z-Zurrieq li ttiehdu mill-pussess tieghu.

Owen Galea, gurnalist mal-gurnal "Kulhadd" li kien l-ewwel li hareg b'din l-'istorja' fil-konfront ta' attur u prodott bhala xhud mill-konvenuta, iddikjara li *il-Ministru Zammit ikkonferma li rcieva dak il-kumpens u qalli testwalment 'ghax qed nipprova niftahlek ghajnejk. Illi inti mur il-Lands, tara l-file kollu li qieghed hemm, kollu miftuh. Mur il-PAPB, issib il-pjanta ta' meta applikat*

---

[25] Illum decizi b'sentenza tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet moghtija fil-31 ta' Ottubru 2012 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fis-26 ta' Mejju 2017.
[26] Dok. "MD1" a fol 85 sa' 87 tal-process.

*jiena. Imbaghad ghamel il-konkluzzjonijiet hija. Ghamel dan l-ezercizzju'.* In kontro-ezami xehed illi *mistoqsi jekk niftakarx illi l-Ministru Zammit kien stedinni mmru id-dar tieghu biex nara l-files li ghandu hemmhekk, nghid li ma niftakarx li kelli din l-istedina. … Fid-diskursata li kelli mal-Ministru Zammit il-kelma 'rigal' ma ssemmietx, la minni u lanqas mill-Ministru Zammit*[27], u l-konvenuta in kontro-ezami ddikjarat *fuq domanda jekk dak li hemm imnizzel fuq fol. 17 jigifieri l-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu meta stieden il-gurnalisti tal-gurnal Kulhadd sabiex jaraw il-karti flimkien, jekk konniex qed nirrappurtaw dak li qal Alfred Sant jew inkella kienx kumment mizjud minna, nghid li bhal' issa m'inix f'posizzjoni li nirrispondi. Inkun irrid nerga' nisma' d-diskors ta' Alfred Sant u nara jekk dan konniex qed nirrappurtaw dak li qal hu jew jekk zidniex il-kumment ahna. Irrid niccara illi jiena ser niccekja jekk dan il-kliem intqalx minn Dr. Alfred Sant fid-diskors tieghu*[28], verifika però li mill-atti processwali jirrizulta li baqghet qatt ma saret da parte taghha.

Minn dan kollu appena osservat jirrizulta ghalhekk li minkejja l-importanza li bla dubju ta' xejn ghandha tinghata lill-libertà ta' l-espressjoni u lill-libertà ta' l-istampa u ghalkemm is-servizz in kwistjoni kien fir-rigward ta' persuna pubblika w involuta fil-politika, non chè Ministru, il-fatti rakkontanti f'dan is-servizz – jew ahjar l-illazzjonijiet li saru fil-konfront ta' l-attur – kienu bla bazi, impertinenti u 'l boghod mill-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni u ghaldaqstant tirrizulta ghalkollox inapplikabbli kwalsiasi tentattiv ta' skriminanti, inkluza ghalhekk dik tar-rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku, u l-konvenuta ssir passibbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attur.

Il-konvenuta teccepixxi wkoll li s-servizz in kwistjoni jikkontjeni kummenti li jikkonsistu f'*fair comment* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjetà demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-*fair comment* però, anke fir-rigward ta' dak li jinghad fil-konfront ta' persuna pubblika jew fil-politika, wiehed irid dejjem izomm f'mohhu s-segwenti principju guridiku: *il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … fejn l-espressjoni tigi ibbazata fuq fatti skorretti"*[29]. *Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn 'allegazzjoni ta' fatt' u 'comment' hija wahda llum stabbilita fil-gurisprudenza taghna. F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn 'allegation of fact' u dak li huwa 'comment'. Biex tirnexxi d-difiza tal-verità tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun 'fair and bona fide' u ma jistax ikun 'fair u bona fide'*

[27] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2009, fol. 72 u 73 tal-process.
[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010, fol. 93 sa' 95 tal-process.
[29] Onor. Charles Buhagiar v. Ray Bugeja, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar 1996.

*jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" (Reginald Miller v. Harold Scory" XXXVI.iv.843). Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-'fair comment', "jekk ma jigux ippruvati sodisfacentement il-fatti addeibtati lill-kwerelant u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' (Anglu Camilleri v. Anthony Zammit Vol. XI.IV.1195; Dr. Joseph M. Ciappara v. Joseph Zammit – JSP Citaz. Nru. 929/90/JSP – 3 ta' Ottubru 1991). ... il-kritika hi fondamentali f'socjetà demokratika, però dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkun ta' interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur. F'dan ir-rigward il-Gately jghid – "In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men". Il-Gately jispecifika in oltre illi – "Unless there is some clear evidence of malice or some misstatement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of the criticism may be." Ghar-rigward ta' x'jikkosistitwixxi misstatement of fact l-istess Gately jghid – "It is one thing to comment upon or criticize, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct". Il-Qrati taghna segwew dawn l-insenjamenti u jista' jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti d-dritt ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa ghandu jinghata interpretazzjoni wiesgha, b'tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa w azzardata tista' tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta' dak li hu ragonevoli. (Fenech v. Callus et – 4 ta' Far 1994, Sant v. Camilleri et – 14 ta' Frar 1994 u Mons. A. Gauci v. M. Schiavone et – 8 ta' Novembru 1995). Illi ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu involuti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin però dejjem hemm limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjetà in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fundament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibliment ghal raguni politika ... ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici[30]. ... Il-ligi taghna mhiex njara ghall-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici w importanti necessarjament huma esposti ghal kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verità tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Però altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-aktar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippubblikah minghajr ma hemm imqar bazi ta' fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' 'publish and be damned' qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna."[31] ... dan*

---

[30] L-Onorevoli Avukat Louis Galea v. L-Onor. Prim' Ministru Alfred Sant, Citaz. Nru. 945/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2002, Onor. Dr. Joseph M. Fenech v. Louis Cauchi et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 2002.

[31] Eddie Fenech Adami et v. Joseph Vella et deciza Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Frar 1998.

*jinghad ghaliex l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni ta' integrità u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f'certu sens malafama fil-konfront taghhom hija iktar serja peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku fuq liema appogg tiddependi l-posizzjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista' ssir iktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika"*[32].

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami l-Qorti ma tistax ghajr li tasal ghall-konkluzzjoni li d-difiza sollevata mill-konvenuta li s-servizz kontestat jikkontjeni kummenti li jikkonsistu f'*fair comment* maghmul min buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku ma tistax tirnexxi ghaliex kif già iktar 'l fuq osservat mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri u fil-proceduri fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07VG u "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Jason Micallef" Rik. Nru. 266/07VG, jirrizulta li dak li gie rrappurtat fir-rigward ta' l-attur, ossia li rcieva rigal ta' Lm70,000 mill-fondi pubblici, ma huwiex ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri izda huwa bbazat fuq *mis-statement of facts* evidentement maghmul ghal raguni politika. Tali agir ma jistax u ma ghandux jigi accettat u dana lanqas fil-kuntest ta' fatti li jqajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuta l-ahbar li xxandret fuq l-istazzjon One TV fuq l-ahbarijiet ta' nhar il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija minn One News, li tieghu hija kienet l-Editur, dwar il-kumpens li thallas lill-attur in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, in partikolari l-kliem illi "il-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu", huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unru u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

Jigi in fine osservat li l-konvenuta teccepixxi wkoll li *l-attur kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-Att dwar l-Istampa biex iwassal il-fehmiet tieghu minghajr ma jxekkel, kif qed jipprova jaghmel, il-libertà ta' l-espressjoni u d-dritt ta' l-informazzjoni protett bil-Konvenzjoni Ewropeja*. Tali eccezzjoni però ukoll ma tistax tirnexxi stante li huwa principju ormai assodat in materja li *f'sitwazzjoni simili indubbjament l-appellant ma jistax jippretendi illi seta' jezimi ruhu mir-responsabilità ghall-malafama minnu kommessa billi jippretendi li l-attur seta' dejjem kiteb lill-Editur tal-gazzetta u jitlob li tigi ppubblikata rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni. Dan ghaliex pajjiz demokratiku kien jixraqlu li jkollu stampa hielsa imma stampa responsabbli li kienet obbligata*

[32] Onor. Alfred Sant v. Dione Borg et deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2002 u Onor. Dr. Alfred Sant v. Gordon Pisani, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2002. George Papagiorcopulo v. Jimmy Magro et noe, Citaz. Nru. 1699/94 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003.

*wkoll, illi entro l-limiti stabbiliti, topera fir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni taghha bhala oggett ta' kritika jew kumment"*[33].

Stabbilit illi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta ma humiex gustifikati u b'hekk ma jistghux jigu milqugha peress illi l-ahbar li xxandret fuq l-istazzjon One TV fuq l-ahbarijiet ta' nhar il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija minn One News dwar il-kumpens li thallas lill-attur in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, in partikolari l-kliem illi "il-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu", huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unru u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, il-Qorti ser tittratta t-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni avvanzata mill-attur.

Ghal dak li jirrigwarda likwidazzjoni tad-danni f'kaz ta' malafama l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti l-ahbar li xxandret fuq l-istazzjon One TV fuq l-ahbarijiet ta' nhar il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija minn One News, li tieghu il-konvenuta kienet Editur, hekk kif jirrizulta kkonfermat mic-certifikat esebit bhala Dok. "AZ" a fol. 14 tal-process u mill-konvenuta stess waqt ix-xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010[34], dwar il-kumpens li thallas lill-attur in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, in partikolari l-kliem illi "il-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu", huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unru u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, il-kumpens dovut lilu in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'din l-ahbar ghandu jkun fis-somma ta' elf Euro (€1,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li l-ahbar li xxandret fuq l-istazzjon One TV fuq l-ahbarijiet ta' nhar il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007 filghaxija minn One News, li tieghu l-konvenuta kienet l-Editur, dwar il-kumpens li thallas lill-attur in konnessjoni ma' l-

---

[33] Onorevoli Perit Charles Buhagiar v. Ray Bugeja noe deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Mejju 2001 u Joseph R. Darmanin v. Gino Cauchi et, Appell Civili Nru. 29/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004.

[34] Fol. 93 sa' 85 tal-process.

esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, in partikolari l-kliem illi "il-konferma ta' dan ir-rigal giet mill-Ministru nnifsu", huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-istess attur billi joffendi l-unru u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta’ danni a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-somma ta’ €1,000 u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ €1,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**